MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 19 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 02 ta' Dicembru 2010 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

19.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 18 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korezzjonijiet.

19.2 Arrising Out:

19.2.1 Il-preparamenti ghal Kuncert li ser isir fil-Knisja tal-Karmnu kienu fi stadju avanzat . L-inviti kienu intbghatu kollha. Ingabru xi ismijiet ohra biex jigu invitati.

19.3 Korrispondenza

19.3.1 Ircevejna ittra minn Malta University Holding Company dwar it-talba taghhom biex jghinu lil Kunsill biex jissottometti applikazzjonijiet ghal Fondi tal-EU. Kien hemm qbil li niltaqghu maghhom.

19.3.2 Kellna talba mill-AKL biex naghmlu gemellagg ma Cellere fl-Italia. Qbilna li niktbulhom u ninfurmawhom li ahna interessati.

19.3.3 Kellna talba mill-ARMS biex jinstallaw areals fl-Imdina minhabba li Smart meters . Kellna ninfurmawhom li l-Kunsill lest li jghinhom imma hafna postijiet fejn jixtiequ jinstallaw dawn l-Areals huma postijiet privati u ghalekk ghandhom jaghmlu talba direttament lis-sidien koncernati.

19.3.4 Kellna talba mill Kumpanija tal-Assigurazzjoni biex naghmlu Risk assessment fuq il-Playing Field. Wara diskussjoni qbilna li dan l-Assessment jsir minn Inginier F Azzopardi & Associates.

19.3.5 Ittra minghand Paul Sant Cassia dwar l-Europan Cultural City. Is-suggeriment gie milquh u filfatt konna qed nippartecipaw fil-laqghat li kienu qed isiru mid-Dipartiment tal- Gvern Lokali. Kellna ukoll niffirmaw l-adezzjoni fil-progett li ser jigi sottomess mid-dipartimentta.

19.3.6 Ircivejna korrespondenza dwar il-Premju ta' Vodafone.Kienet ser isir Konferenza stampa fejn fiha ser jitqassmu il-premijiet.Kellhom jattendu PSM u PS.

19.3.7 Kellna talba minn Richard Azzopardi biex itella Exhibition permanenti f'l-ufficju tal-Kunsill. Minhabba in-natura tal- Exhibition il-Kunsill qabel li ma kienx accetta it-talba u jinforma lis-Sur Azzopardi li l-Kunsill ma setghax jippartecipa f'attivta kummercjali.

19.3.8 Kellna talba biex nitdhlu shab fi progett ta' Audio system ghat-Turisti . Din it-talba saret minn Cultel Ltd. Minhabba li l-Kunsill ma jistax jidhol f'attivitajiet purament kummercjali it-talba giet michuda.

19.3.9 L-AKL kienet ser taghmel attivita fejn fiha kienu ser jitqassmu xi kotba biex jintuzaw f'librerija tal-Kunsill. Qbilna li nattendu ghal din l-attivita.

19.3.10 Il-Mepa ghamlet talba biex jitwahhal notice board bl-applikazzjonjiet fejn il-bieb tal-Mdina. Il-Kunsill qabel li jinforma lil MEPA li ma kienx jaqbel ma din l-proposta, izda li lest iwahhal dawn in-notices mal-notice board li hemm fl-ufficju tal-Kunsill.

19.3.11Kellna zewg ittri b'risposta minghand Raphael Carabott fuq (i) talba biex tigi rikonsidrata kontravenzjoni mahruga lil Mni Van wara li konna informajnih li "Y" plates jistghu jidhlu l-Imdina u (ii) u l-ohra fuq kontravenzjonijiet ta' Claudio Marciano. Filwaqt li t-talba taghna ma gietx ikkonsidrata , il-Kunsill qabel li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ma tinkitibx ittra mill-Kunsill.

19.3.12Kellna talba mill-producers tal-programm Hadd Ghalik , biex jtellghu programm mill-Mdina bil-partecipazzzjoni ta'cittadini mill-Mdina. Il-Kunsill ma laqghax din it-talba.

19.3.13Inqrat il-korrspondenza li kien hemm bejn l-Avukat tal-Kunsill, Dr Joe Zammit Meample u Transport Malta dwar is-sinjali ta' Trackless train li abbuzivament gew mwahhla madwar l-Imdina. L-Avukat tal-Kunsill kellhu jinsisti fuq il-posizzjoni tal-Kunsill.

19.3.14Kellna talba mit-Transport Malta biex nghatu lista tat-toroq urbani li kienu ser jinghataw it-tarmak. Il-Kunsill ma kellhux l-ebda triq.

19.3.15Korrespondenza minghand il-MUESEC dwar talba ghal partner fuq progett ta Youth in Action. Minhabba li ma kienx hawn Zaghzagh li juru interess fuq progetti bhal dawn il-Kunsill qabel li ma jippartecipax

19.3.16Kellna talba minn Real 8 productions biex jirrekordja programm ghat TV fl-Imdina. It-talba giet milqugha

19.3.17Kellna talba minghad Patricia Flores Martin biex jitwahhal board bil-kliem brail (Ghal Ghomja) dwar Vilhena Gate. Is-sinjura Flores tiga kienet sabet fondi biex dawn il-Boards ikunu jistghu isiru. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien ser jghin lis-Sinjura Flores.

19.4 – Tender ghat-tnaddif ta' toroq mhux urbani.

19.4.1 Saret diskussjoni dwar it-tnaddif ta' toroq mhux urbani , specjalment fl-inhawi ta' taht l-Imdna fejn l-Istazzjon antiik tal-Ferrovija. Qbilna li nohorgu sejha ghal-offerti biex isir tindief 4 darbiet fis-sena f'dawn it- Toroq:

(i) Triq il-Vapuri
(ii) Triq Ghajn Hammam
(iii) Triq Gharreqini
(iv) Il-Pont tal-Imtarfa
(v) Sqaqien biswiet dawn it-toroq

19.5 Tiswija fil-Bankini fit-telgha tas-Saqqajja

19.5.1 Kellna nitolbu lil Perit tal-Kunsill stima tax-xoghol involut biex isir xoghol ta' manutenzjoni fuq din il-bankina. Wara tkun tista tigi diskussa fil-Kunsill .

19.6 Ikla tl-Milied

19.6.1 Bhal ma kien tiga gie deciz il-Kunsill kien ser jorganizza ikla tal-Milied ghar-residenti tal-Imdina. Din l-ikla kellha issir nhar is-sibt 18 ta' Dicembru fic-Ciappetti Rest fl-Imdina . Il-prezz ghar residenti kellhu jkun ta' Euro 17.

19.6.2 Kellha isir ukol ikla ghal-Kunsilliera , l-Istaff u il-Familja taghhom nhar il-Hadd 9 ta' Jannar 2011 fi The Terrace Rest, fil-Westin Dragonara Resort.

19.7 Affarijiet Ohra

19.7.1 Saret diskussjoni dwar il-possibilta li jitwahhlu flood lights fi triq Gharreqini minhabba li ma kienx hemm dawl bizzejjed. Kellhom jingabru stimi.

18.7.2 Gew approvati il-pagamenti fl-iskeda numru 17.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |